**18 ta' Marzu, 1964**

**Imhallef:**

**Onor. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

Thomas Briffa

*versus*

Dr. Anton Buttiegieg et nomine

**Rexxissjoni ta' kuntratt in parte — Regolament 17 tal-**

**Public Lotto Regulations, 1948 — Ordinanza tal-Lotto Pubbliku (Kap. 110).**

*Is-sens tar-regolament 17 tal-Public Lotto Regulations 1948 huwa li r-reċevitur tal-lottu mgħandux jirċevi kummissjoni regolatu fuq inqas minn nofs l-inkassi. X'isir wara li d-Dipartiment jibgħat lir-riċevitur il-kummissjoni dovuta u ċioe' jekk l-istess riċevitur ikollux johroġ xi ħaġa minn dik il-kummissjoni in virtu' ta' patt tiegħu ma każin, ma hux projbit minn dak ir-regolament; Mhemm l-ebda garanzija f'dak ir-regolament li dik il-kummissjoni għandha tibqa "netta".*

*Huwa veru li f'ċirkolari maħruġa mid-Dipartiment tal-Lottu Pubblicu dana ordna li l-paga tal-assistenti għandha tinqasam bejn ir-riċevituri u il-każin jew Soċjeta', imma dan jidher li huwa "senno del poi", u ċirkolari dipartimentali ċertament ma tistax isservi biex tbiddel s-sostanza tal-liġi. Tista tispjegaha imma ma tistax temendaha.*

Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur peress li l-attur qed jiġestixxi il-Banka tal-Lottu Pubbliku li hemm f'St. Cajetan Band Club, Hamrun, bħala riċevitur tal-Lottu Pubbliku dipendenti (Dependant Lotto Receiver).

U peress illi l-partijiet għamlu skrittura privata, datata d-29 ta' Settembru, 1961 — Dok "A" — biex jirregolaw ir-relazzjonijiet tagħhom għar-rigward tal-ġestjoni tal-istess Banka tal-Lottu;

U peress li fl-ewwel artikolu tal-istess skrittura hemm stabilit li l-attur "ikun responsabbli għall-management u spejjeġ kompriżi l-multi u l-ħlas tal-impjegati";

U peress li din il-konsiderazzjoni hija kontra l-liġi, billi

tmur kontra dak li hemm stabbilit fir-regolament 17 tar-Regolamenti tal-Lottu Pubbliku 1948, u kontra l-ordni pubbliku, kif jirriżulta miċ-ċirkulari datata d-29 ta' Diċembru, 1953, tad-Direttur tal-Lottu Pubbliku Dok. "B".

Premessi d-dikjarazjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni talab li jiġi min dina l-Qorti dikjarat deċiż li l-ewwel artikolu tal-iskrittura tad-29 ta' Settembru, 1961, huwa null u bla effett billi huwa kontra dak li hemm stabbilit fir-regolament 17 tar-regolamenti tal-Lottu Pubbliku u kontra l-ordni pubbliku, kif jirriżulta miċ-ċirkolari datata 29 ta' Diċembru, 1953 tad-Direttur tal-Lottu Pubbliku bl-ispejjeż.

Rat . . . omissis . . .

Rat n-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fejn eċċepew: (1) Li l-erba minnhom hemm imsemmija mhumiex membri tal-Kumitat tal-każin tal-banda jew għaqda tal-musika in kwistjoni; (2) li skond ir-regolament 37 tal-istess każin jew għaqda "Il-President huwa fid-dmir li jirrappresenta l-għaqda quddiem il-liġi fil-każi legali; (3) Illi l-iskrittura in kwistjoni ma tivvalja bl-ebda mod ir-regolament 17 tal-Public Lotto Regulations 1948, għaliex il-profitti skond l-istess skrittura kellhom jinqasmu u fil-fatt dejjem inqasmu skond l-istess regolament, u (4) li kwantu għaċ-ċirkolari tad-Direttur tal-Lotto Pubbliku tad-29 ta' Diċembru, 1953, din għandha valur ta' ċirkolari biss u mhiex ta' liġi u lanqas regolament kif trid il-Public Lotto Ordinance, u bl-ebda mod ma tippreludi ftehim kuntrarju taħt piena ta' nullità.

Rat . . . omissis . . .

Ikkunsidrat:

Illi l-kwistjoni hija fuq il-validità ta' l-ewwel artikolu ta' li skrittura fol. 7 li jgħid illi l-attur għandu jkun responsabbli għall-management u spejjeż kompriżi il-multi u il-ħlas tal-impjegati. Il-każin konvenut għandu allokat mid-Direttur tal-Lottu Pubbliku riċevitorja tal-Lottu fl'hekk imsejħa "Dependant section" ta' uffiċju tal-Lottu a distinzjoni minn dawk li qegħdin fl-"Independent section" skond ir-regolamenti (1 u 17 (3) tal-Public Lotto Regulations 1948, magħmulin taħt l-Ordinanza tal-Lottu Pubbliku (Kap. 110). Id-distinzjoni bejn dawn iż-żewġ sezjonijiet millli jidher hija li fil-qasma indipendenti l-uffiċju jiġi allokat direttament mill-Ministru responsabbli lir-riċevitur (regolament 1641) li joperah għan-nom u akkont tiegħu proprju, mentri fil-qasma dependenti l-uffiċju jiġi assenjat lil xi każin tal-Banda jew Soċjetà oħra imma ikollu riċevitur appuntat għalih, salva li l-każin jew Soċjetà f'dan il-kas imsejjaħ mir-regolamenti "il-konċessjonarju", u r-riċevitur relativ jirregolaw bejnithom r-rapporti tagħhom fis-sens u sakemm permissibili mil-liġi;

Illi l-attur li huwa riċevitur tal-uffiċju assenjat lill-każin konvenut issa qiegħed jimpunja b'nullità il-parti tal-kuntratt li taggravah bl-ispejjeż kompriżi il-multi u l-ħlas tal-impjegati. Ma hemmx għalfejn jingħad li skond il-liġi tista tintalab r-rexxissjoni ta' kuntratt in parti u l-konvenut nomine ma talabx r-rexxisjoni "in toto". L-attur jibbaża t-talba tiegħu fuq l-art. 17 tar-regolamenti fuq imsemmija u fuq l-ordni pubbliku in kwantu apparti minn dak r-regolament, id-Dipartiment responsabbli, b'ċirkolari tad-29 ta' Diċembru, 1953, (Dok. B) avża li l-ispejjeż tal-ħlas tal-impjegati tal-uffiċju ("assistenta") għandhom jiġu sopportati bejn ir-riċevituri u l-konċessjonarji fl-istess proporzjon li tiġi miftehma bejnithom — dejjem fil-limiti tal-liġi — għall-inkassi.

Illi l-verbal reġistrat a fol. 14 il-partijiet qablu li l-attur qiegħed jirċevi dak li imissu bla preġudizju tal-pretensjoni tiegħu li l-ispejjeż li qiegħed ikollu jaffronta minħabba il-parti impunjata ta' li skrittura jiddiffalkawlu il-minimu tal-kummissjoni lilu dovuta skond ir-regolament. B'dan il-mod il-kontestazjoni tal-attur ġiet limitata għal l-ispejjeż tal-assistenti jew impjegati għaliex kwantu għal-multi il-partijiet qablu li dawn huma a kariku tar-riċevitur u dana huwa infatti sewwa anke skond l-imsemmija ċirkolari.

Illi l-kwistjoni għal prettament legali;

Illi l-ewwel argument ta' l-attur huwa r-regolament 17. Il-parti ta' dan ir-regolament li tinteressa il-kawża hija il-paragrafu (2) dwar d-"dependent Section". Dina wara li tiffissa ċertu "platform" a favur tar-riċevitur u dana presumibilment għax huwa jrid jagħmel x-xogħol u jġib il-banka il-quddiem u jkun responsabbli għalija — tħalli ċerta libertà ta' kontrattazjoni bejn ir-riċevitur u l-każin jew Soċjetà assenjatarja. Infatti s-sens tar-regolament huwa hekk:— jittieħdu inkassi ta' sena u r-riċevitur jirċevi mingħand id-Dipartiment kommissjoni, kalkolata fuq l-iskala superjorament stabilità fl-istess regolament (para 1) għar-riċevituri indipendent fuq mhux inqas min-nofs dawn l-inkassi. Kwantu għar-riċevituri jekk hu u l-każin jew soċjetà jiftehmu fuq proporzjoni ikbar kollox ikun sew, imma ma jistawx jiftehmu fuq inqas. Kwantu għall-każin jew soċjetà din tieħu kommissjoni fuq skala iżgħar stabbilita fil-paragrafu 2 (b) tar-regolament 17 u din il-kummissjoni toħodha fuq nofs jew inqas tal-inkassi annwali. Jistgħu jiftehmu fuq inqas min-nofs imma mhux iżjed min-nofs. Hekk ukoll jispjega l-istess disposizjonijiet d-Dipartiment stess fil-para-

grafi (i) u (ii) taċ-ċirkolari Dok. B.

Illi l-attur skond il-verbal fuq ċitat ma jippretendix li l-każin konvenut ftehem miegħu li jiehu kummissjoni fuq inqas min-nofs l-inkassi. Mhux dan il-kas tiegħu. Imma hu jgħid li minħabba li hu akkollat bl-ispejjeż tal-impjegati r-riżultat huwa li in ultima analisi hu qiegħed jirċevi inqas minn dak li hu riservat għalih bir-regolament;

Illi l-Qorti ma taqbilx mat-teżi ta' l-attur. Il-kliem tal-liġi huma dawk li huma u jgħidu li r-riċevitur mgħandux jirċevi kummissjoni regolata fuq inqas min-nofs l-inkassi. Dan id-dipartiment qiegħed jagħmlu u qiegħed jibgħat regolarment lill-attur il-kummissjoni dovuta. X'isir biha wara jekk l-attur kollux joħroġ xi ħaġa minn dik il-kummissjoni in virtù tal-patt tiegħu mal-każin, ma jidhirx li projbit minn dak ir-regolament. In altre parole ma jidher li hemm l-ebda garanzija f'dak ir-regolament li dik il-kummissjoni għandha tibqa "netta". Jista li dan kien f'moħħ l-awtoritajiet tad-Dipartiment imma mgħamluhx, infatti r-regolament immedjatament wara (Nru. 18) jgħid li:— Receivers shall be bound to carry on the business personally with the help of assistants where necessary". U li kieku il-veru spirtu tar-regolamenti kien dak li qed jissottometti l-attur, kieku l-leġislatur, waqt li kellu l-assistenti propriju quddiem għajnejh fil-ħin li iddetta l-liġi, kien jaħseb biex jgħid li l-ispisa relativa mgħandiex isservi biex tnaqqas il-minimum tal-kummissjoni. Huwa veru li fiċ-ċirkolari maħruġa mid-Dipartiment dana ordna li l-paga tal-assistenti għandha tinqasam bejn ir-riċevituri u l-każin jew soċjetà, imma dana jidher li huwa "senno del poi" u ċ-ċirkolari dipartimentali ċertament ma tistax isservi biex tbiddel s-sostanza tal-liġi. Tista tispjegaha imma ma tistax temendaha. Ir-regolamenti tal-Lottu iridu jiġu maħruġa mill-awtorità

kompetenti (il-ministru) u fil-forma (pubblikazjoni fil-gazzetti tal-Gvern) preskritti mil-artikolu 5 tal-Ordinanza li biha d-dipartiment u l-logħob tal-Lottu huma regolati;

Illi t-talba ta' l-attur hija bażata ukoll fuq il-kontravenzjoni għall-ordni pubbliku in kwantu tikkontravjeni ċ-ċirkolari tal-kap tad-dipartiment. Huwa veru li b'dik ċ-ċirkolari ġie ordnat li l-ispejjeż relativi għal paga tal-assistenti impjegati fil-Bank mgħandhomx jiġu akkollati kollha lill-attur imma għandhom jiġu maqsuma fl-istess proporzjoni tar-ripartizjoni tal-inkassi għall-fini tal-likwidazjoni tal-kummissjoni. Issa jista jkun li d-dipartiment sa fejn jista jinqeda b'ċirkolarijiet. Din hija forma normali ta amministrazjoni ministerjal. Il-Qorti fittxet sew però biex tara jekk il-kap tad-Dipartiment għandux s-setgħa li jmexxi l-amministrazjoni tal-Lottu b'ordnijiet ġenerali mgħotija fi kwalunkwe forma iżda minflok sabet li l-art. 3 tal-imsemmija Ordinanza jippreskrivi li:— "The administration of the Lotto is entrusted to the Director of Public Lotto under such regulations as shall be made from time to time". Iċ-ċirkolari mihiex regolament kif trid il-liġi, u għalhekk l-azjoni ma tilħaqx il-versall lanqas taħt dan il-kap.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma tistax takkolji l-azjoni b'favur, u d-domanda hija respinta bl-ispejjeż.